# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 813/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Catherine Mary FARRUGIA [ID 562050M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf u tlieta ghoxrin euro u sittax-il centezmu [€1023.16c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tlieta u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€1023.16) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40185810 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru

Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u risposta ghaliha.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-15 ta' Ottubru, 2015.

Ra n-nota ta' l-intimata datata 3 ta' Novembru, 2015 u li permezz taghha hija qalet li wara s-sekwestru numru 54/2015, is-somma ta' €1,712.60c thallset kollha, liema somma giet depositata fl-istess Qorti kif jidher mill-ircevuta annessa u mmarkata bhala dokument ittra "A".

Ra li fis-seduta tal-lum, l-intimata dehret, u wara li t-tribunal iddentifikaha, hija ddikjarat bil-gurament taghha li ghandha taghti l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti fit-Talba taghha izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja taghha hija ma hijiex f'qaghda finanzjarja li thallas l-ammont kollhu f'daqqa u ghalhekk talbet li hija thallas l-ammont dovut bir-rata ta' erbghin euro (€40) kull l-ahhar tax-xahar. Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha.

In vista ta' din l-ammissjoni t-Tribunal ghadda ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf u tlieta ghoxrin euro u sittax-il centezmu [€1023.16c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40185810.

   Ikkunsidra;

2. L-intimata ammettiet it-talba tas-socjeta rikorrenti. L-intimata talbet biss li hija tinghata l-fakulta li thallas dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' erbghin euro (€40), kull l-ahhar tax-xahar.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimata, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf u tlieta ghoxrin euro u sittax-il centezmu [€1023.16c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-2 ta' Ottubru, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 2013/14 (fol. 8), sad-data tal-hlas effettiv.

   In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta' erbghin euro (€40) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fil-31 ta' Dicembru, 2015 u imbaghad kull l-ahhar jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2013/14, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**